MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2013

Numru. 229/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Khalil Suwilah**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Khalil Suwilah detentur tal-karta tal-identita` numru 80088A.

Akkuzat talli:

Nhar is-7 ta’ Marzu 2013, ghall-habta tas-saghatejn u nofs ta’ filghodu (02:30hrs) gewwa Triq Melita, Rahal Gdid, u f’dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq vettura Toyota bin-numru tar-registrazzjoni FBW161 ghad-dannu ta’ Kasem Shawakh u

persuni ohra liema valur tal-hsara jeccedi l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69);

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Kasem Kasem mill-Marsa skond kif icceritifika Dr Patrick Galea M.D. mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid;

Akkuzat ukoll tallli fl-istess data hin u cirkostanza garr ’il barra minn xi fond jew ditorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta` u bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-kummissarju tal-pulizija;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanza kkaguna biza’ li ser tintuza vjolenza kontra Kasem Shawakh jew xi hadd mid-dixxendenti jew axxendenti, jew ahwa bniet jew subien, tieghu jew kontra l-proprjeta` taghhom;

U aktar talli ghamel lil Kasem Shawakh u Kasem Kasem ingurji jew theddid;

Ukolli talli fl-istess data, hin u cirkostanza bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor.

Rat it-talba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Kasem Shawakh u Kasem Kasem jew individwi ohra jew ghaz-zamm tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leza jew individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai termini tal-Artikoli 412C.

Rat ukoll it-talba sabiex f’kaz ta’ htija meta jidhrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta’ Kasem Shawakh u Kasem Kasem jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap. 9; u

Rat illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u li ammetta ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 221(1), 251B, 325(a), 338(m) 339(1)(e), 383 u 412C tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Khalil Suwilah hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tikkundannah ghal hmistax-il (15) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2) u nofs filwaqt li a bazi tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9, l-imputat ghandu jhallas is-somma ta' elf mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro u sitta u disghin centezmu (€1,221.96) lill-parte civile fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------